



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 138/23

Il-Lussemburgu, 13 ta' Settembru 2023

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-65/18 RENV | Il-Venezwela vs Il-Kunsill

Il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors tal-Venezwela kontra l-miżuri restrittivi tal-Unjoni Ewropea

Fid-dawl tad-degradazzjoni fis-sitwazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, tal-Istat tad-dritt u tad-demokrazija, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, fit-13 ta' Novembru 2017, miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fil-Venezwela ¹. Dawn il-miżuri kienu jipprevedu, essenzjalment, projbizzjoni fir-rigward tal-bejgħ, tal-provvista, tat-trasferiment jew tal-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għal finijiet ta' repressjoni interna u ta' servizzi marbuta mal-imsemmi tagħmir u ma' tagħmir militari lil kull persuna fiżika jew ġuridika, lil kull entità jew lil kull korp tal-Venezwela jew għall-finijiet ta' użu f'dan il-pajjiż.

Fis-6 ta' Frar 2018, il-Venezwela ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea intiż għall-annullament tar-Regolament 2017/2063 sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu kienu jikkonċernawha. Sussegwentement, il-Venezwela adattat ir-rikors tagħha sabiex ikopri wkoll id-Deċiżjoni 2018/1656 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/1653 ², atti li permezz tagħhom il-Kunsill estenda u emenda, rispettivament, il-miżuri restrittivi adottati.

Permezz ta' sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors bħala inammissibbli għar-raġuni li s-sitwazzjoni legali tal-Venezwela ma kinitx affettwata direttament mill-miżuri kontenzjużi ³. Adita b'appell mill-Venezwela, il-Qorti tal-Ġustizzja, fit-22 ta' Ġunju 2021, annullat ⁴ is-sentenza tal-Qorti Ġenerali sa fejn din tal-aħħar iddikjarat inammissibbli r-rikors tal-Venezwela sa fejn kien intiż għall-annullament tal-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tar-Regolament 2017/2063, u baġtet il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjoni fuq il-mertu.

Permezz tas-sentenza tal-lum tagħha, **il-Qorti Ġenerali tiċħad l-argumenti kollha invokati mill-Venezwela insostenn tat-talba tagħha għall-annullament tal-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tar-Regolament 2017/2063.**

L-ewwel, skont il-Qorti Ġenerali, il-Venezwela ma kellhiex dritt għal smiġh qabel l-adozzjoni tal-miżuri kontenzjużi, li huma miżuri ta' portata ġenerali. Il-fatt, id-dritt għal smiġh japplika għal miżuri individwali meħuda kontra persuna u ma jistax jiġi invokat fil-kuntest tal-adozzjoni ta' miżuri ta' portata ġenerali.

Barra minn hekk, is-smiġh ta' pajjiż terz ikkonċernat, qabel l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi li jimplementaw għażla ta'

¹ Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2017, L 295, p. 21).

² Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1656 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 276, p. 10) u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1653 tas-6 ta' Novembru 2018 li jimplementa r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 276, p. 1).

³ Sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, Il-Venezwela vs Il-Kunsill, [T-65/18](#).

⁴ Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (Affectation d'un État tiers), [C-872/19 P](#). Ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 112/21](#).

politika esterna, ikun jimplika obbligu għall-Kunsill li jidħol f'diskussjonijiet li jkollhom in-natura ta' negozjati internazzjonali ma' dan il-pajjiż. Dan iġib fix-xejn l-effett mixtieq mill-impożizzjoni ta' miżuri restrittivi fil-konfront tal-imsemmi pajjiż, jiġifieri li tiġi eżerċitata pressjoni fuqu sabiex jibdel l-aġir tiegħu.

It-tieni, fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kunsill, il-Qorti Ġenerali tirrileva li s-sitwazzjoni ġenerali li wasslet għall-adozzjoni tal-miżuri restrittivi, kif ukoll l-għanijiet imfittxija minnhom, kienu ġew spjegati sew mill-Kunsill u ma setgħux ma jkunux magħrufa mill-Venezwela.

It-tielet, fir-rigward tal-argumenti bbażati fuq l-ineżattezza materjali tal-fatti u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni politika fil-Venezwela, il-Qorti Ġenerali tikkonstata, minn naħa, li l-Kunsill ibbaża ruħu fuq informazzjoni kredibbli u affidabbli sabiex jevalwa s-sitwazzjoni fil-Venezwela, mingħajr ma din tal-aħħar irnexxiha turi li l-fatti invokati kienu vvizzjati b'ineżattezzi materjali. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill seta' jqis li, fid-data tal-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat, kienu stabbiliti biżżejjed l-atti ta' vjolenza u l-użu eċċessiv tal-forza kif ukoll ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fil-Venezwela u li kien hemm riskju li tali atti jerġgħu jseħħu fil-futur. B'hekk, il-Kunsill seta' jikkonkludi, mingħajr ma jwettaq żball manifest ta' evalwazzjoni, li kien hemm ksur tad-demokrazija, tal-Istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela.

Ir-raba', il-Qorti Ġenerali tiċċad l-argumenti tal-Venezwela bbażati fuq l-impożizzjoni ta' kontromiżuri illegali u fuq ksur tad-dritt internazzjonali. F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali tqis li l-miżuri kontenzjużi ma humiex kontromiżuri peress li l-miżuri restrittivi kkonċernati ma jaqgħux taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Abbozz ta' Artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istat għal Atti Internazzjonalment Illegali, kif adottat fl-2001 mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU). Barra minn hekk, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza, il-Qorti Ġenerali tiċċad l-argument tal-Venezwela fis-sens li l-Kunsill ma kellux kompetenza jadotta l-imsemmija miżuri restrittivi mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Qorti Ġenerali tgħid ukoll li l-Venezwela ma stabbilixxiet l-eżistenza ta' "prassi ġenerali aċċettata bħala liġi" li teżiġi li tinkiseb tali awtorizzazzjoni qabel l-adozzjoni, mill-Kunsill, ta' miżuri restrittivi. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tiċċad l-argumenti tal-Venezwela bbażati fuq ksur tal-Ftehimiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Fil-fatt, minn naħa, il-Venezwela ma ssostnix li r-Regolament ikkontestat jagħmel riferiment espliċitu għal dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet tal-WTO u, min-naħa l-oħra, ma tindikax b'liema atti u f'liema okkażjoni l-Unjoni wettqet, permezz tar-Regolament ikkontestat, obbligu partikolari meħud fil-kuntest tal-WTO. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tiċċad ukoll l-argument tal-Venezwela bbażat fuq l-eżerċizzju, mill-Kunsill, ta' kompetenza ekstraterritorjali. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-miżuri restrittivi inkwistjoni jikkonċernaw persuni u sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-ġurisprudenza tal-Istati Membri *ratione loci* jew *ratione personae*. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tfakkar li s-setgħa tal-Kunsill li jadotta miżuri restrittivi taqa' f'kuntest ta' miżuri awtonomi tal-Unjoni adottati fil-kuntest tal-PESK, li għandhom b'mod partikolari l-għan li tiġi żgurata l-osservanza tal-obbligi *erga omnes partes* li jiġu osservati l-prinċipji li joħorġu mid-dritt internazzjonali ġenerali u minn strumenti internazzjonali ta' natura universali jew kważi universali, b'mod partikolari l-Artikolu 1 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza
Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ibqgħu konnessi!

